QALA

Ref Nru: 35

Il-minuti tal-hamsa u tletin laqgha tal-hames legislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar l-Erbgha 12 t' Mejju 2010, fis-6:30 ta' filghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Paul Buttigieg |
| Vici Sindku | Dr Raymond Xerri |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Victor Grech |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

Skuzat:

| | |
|---|---|
| Kunsillier | Jesmond Borg |

**1 Talba.**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Approvazzjoni tal-minuti ta' l-erbgha u tletin laqgha.**

2.1 Peress li l-minuti ta' l-erbgha u tletin laqgha tqassmu qabel, dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3 *Picnic area* parti mill-progett ta' gnien sportiv u rikreazzjoni fl-*area* maghrufa bhala Ta' Grunju fi Triq l-Imgarr, Qala – sejha ghal kwotazzjonijiet ghal provvista ta' mwejjed u bankijiet.**

3.1 Is-Sindku semma li nhar il-Gimgha 9 t'April 2010 gie ffirmat ftehim bejn il-Kunsill u l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sabiex il-Kunsill jinghata l-fondi mill-*Urban Improvement Fund* sabiex tinxtara l-ghamara ghal *picnic area* li huwa parti mill-progett ta' gnien sportiv u rikreazzjoni fl-*area* maghrufa bhala Ta' Grunju fi Triq l-Imgarr, Qala. Gie trattat dan il-ftehim. Huwa semma li x-xoghol fuq il-bini ta' hitan tas-sajjieh ghadu ghaddej. Il-*gazebo* u l-*litter bins* ser jinghata b'xejn lill-Kunsill mid-Dipartiment tal-*Parks* fi hdan il-Ministeru tar-Rizorsi u Affarijiet Rurali. Gie deciz li ghandha tinhareg

QALA

sejha ghall-kwotazzjonijiet ghal provvista ta’ mwejjed u bankijiet ghal *picnic area*. Gew trattati kopja ta’ l-ispecifikazzjonijiet u kundizzjonijiet li gew ippreparati mill-Perit tal-Kunsill Edward Scerri. Dwar l-iskema *Energy Saving*, *memo* 38/2008, fejn il-Kunsill kien applika flimkien ma tlettax il-Kunsill Lokali ohra, kienet inharget offerta ghal provvista u installazzjoni ta’ *Photovoltaic Systems*. L-offerta ta’ Alberta giet maghzula. Il-Kunsill kien applika taht din l-iskema sabiex is-sistema tad-dawl ta’ ‘Gnien il-Familja’ tigi mibdula u tibda tithaddem bis-*solar panels*.

**4 Permess ta’ zvilupp ghal bdil ta’ uzu ta’ bini minn ghassa tal-pulizija/ufficini tal-Kunsill ghal Muzew Folkloristiku u sejha ghall-offerti ghal xogholijiet mehtiega.**

4.1 Gie trattat rapport tad-decizjonijiet tal-laqghat tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ Zvilupp mibghuta minn Melanie Chetcuti Segretarja tal-Ufficcju tal-Kommunikazzjoni fl-Awtorita` ta’ Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, li saret nhar il-11 ta’ Mejju 2010 fejn l-applikazzjoni ghal permess ta’ zvilupp ghal bdil ta’ uzu ta’ bini minn ghassa tal-pulizija/ufficini tal-Kunsill ghal Muzew Folkloristiku giet approvatha. Il-Kunsill iddecida li ghandha tinhareg sejha ghall-offerti ghal xogholijiet mehtiega sabiex isir dan il-progett. Gew trattati l-ispecifikazzjonijiet u kundizzjonijiet li gew ippreparati mill-Perit tal-Kunsill Edward Scerri. Is-Sindku semma li giet sottomessa *Expression of Interest* tal-ERDF dwar proposta ghal *Photovoltaic System* fil-Muzew Folkloristiku.

**5 Xoghol ta’ *resurfacing* bit-tarmak (*hot rolled asphalt*) – Triq it-30 t’Ottubru 1948, Triq is-Salib u Triq Santa Marija tal-Qala.**

5.1 Is-Sindku semma li din il-gimgha ser tinghata it-tieni kisja tarmak lil Triq it-30 t’Ottubru 1948. Is-Sindku semma li bdew il-preparamenti mehtiega sabiex jinbidlu l-*main* u s-servizzi ta’ l-ilma ta’ Triq is-Salib u Triq Santa Marija tal-Qala. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Silvio Frendo fid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn gie nformat li l-Kunsill jixtieq jippartecipa fis-sistema ta’ *Public Private Partnership*.

**6 Tkomplija tax-xoghol ta’ restawr tal-Fortizza ta’ Sant Antnin.**

6.1 Is-Sindku semma li ghadu ghaddej ix-xoghol ta’ restawr fuq il-Fortizza ta’ Sant Antnin fejn bhalissa qed jinbnew il-kmamar ta’ gewwa. Huwa semma li kien hemm xi problema dwar il-pozizzjoni tal-hnejjiet tal-kmamar u ghalhekk kellhom jsiru l-konsultazzjonijiet mehtiega ma` Stephen Spiteri li huwa s-Superintendent tal-Fortifikazzjonijiet fid-Dipartiment tax-Xogholijiet. Giet trattata korrispondenza dwar din il-materja li saret bejn Ian Camilleri Segretarju Generali ta’ Din L-Art Helwa u l-Perit tal-Kunsill Edward Scerri. Is-Sindku semma li giet sottomessa *Expression of Interest* tal-ERDF dwar proposta ghal *Photovoltaic System* fil-Fortizza ta’ Sant Antnin**.**

7 **Ghazla t' assigurazzjoni ta' *Fire, Theft, Employer's Liability, Public Liability* u *Group Personal Accident*.**

7.1 Il-Kunsill talab xi stimi ghall-assigurazzjoni ta' *Fire, Theft, Employer's Liability, Public Liability* u *Group Personal Accident* minghand *Mercieca Financial Investment Services Limited* f'isem *Laferla Insurance Agency Limited* u minghand *Citadel Insurance* f'isem *Compass Group Limited.* Il-Kunsill studja u ddiskuta l-prezzijiet u karatteristici ohra li gew offruti. Wara dan il-Kunsill unanimament iddecida li tigi maghzula l-assigurazzjoni ta' *Citadel Insurance* f'isem *Compass Group Limited.*

8 **Il-programm ta' attivitajiet ghall-okkazzjoni ta' Jum il-Qala.**

8.1 Is-Sindku ta spejgazzjoni tal-programm ta' attivitajiet ghall-okkazzjoni ta' Jum il-Qala li ser jigi ccelebrat fl-ewwel jiem ta' Gunju 2010. Gie anness kopja tal-programm ma dawn il-minuti.

9 **Green MT – Sejha ghall-offerti ghall-gbir ta' skart separat.**

9.1 Is-Sindku semma li saret laqgha bejn il-Kunsilli Lokali Qala, Ghajnsielem, Nadur u l-Green MT Limited dwar sejha ghall-offerti ghall-gbir ta' skart separat. Is-Sindku nforma lil membri tal-Kunsill dwar dak li gie diskuss waqt din il-laqgha. Giet trattata ittra li l-Kunsill ircieva minghand Joe Attard mill-Green MT Limited dwar dak li gie diskuss waqt din il-laqgha.

10 **Sejha ghall-offerti ghall-xogholijiet fuq is-Sala tal-Komunita` fic-Centru Civiku Qala.**

10.1 Il-Kunsill iddecida li ghandha tinhareg sejha ghall-offerti ghall-xogholijiet fuq is-Sala tal-Komunita` fic-Centru Civiku Qala.

11 **Jum Marsaskala – Il-Hadd 30 ta' Mejju 2010.**

11.1 Is-Sindku semma li ser jigi organizzat it-Tieg Malti l-Antik li jsir fil-*Qala International Folk Festival*, f'Jum Marsaskala li ser ikun il-Hadd 30 ta' Mejju 2010.

12 **L-applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp f'Hondoq ir-Rummien bin-numri PA 3797/02 u PA 3798/02. – Dikjarazzjoni, *public hearing* u posizzjoni tal-Kunsill.**

12.1 Is-Sindku Paul Buttigieg semma li hawn xi ghajdut li fis-27 ta' Mejju 2010 ser issir il-*public hearing* dwar l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp f'Hondoq ir-Rummien bin-numri PA 3797/02 u PA 3798/02. Infatti saret talba lill-Kap ta' l-Iskola Primarja l-President Anton Buttigieg Qala sabiex tintuza s-sala ta' l-iskola ghal dan l-ghan. Il-Kunsill ghaddu ma giex

informat ufficjalment bid-data tal-*public hearing*. Gew trattati kopja tal-minuti, mibghuta mill-Kap ta' l-Iskola kif ukoll Segretarja Tezor tal-Kunsill ta' l-Iskola M. Buttigieg, tal-laqgha straordinarja tal-Kunsill ta' l-Iskola li saret fis-7 ta' Mejju 2010 dwar l-uzu tas-sala kif ukoll kopja ta' ittra datata 7 ta' Mejju 2010 li giet mibghuta minn Edward Bencini lil M. Buttigieg. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li hemm ghajdut wkoll li ser isir avviz fuq il-gazzetti lokali dwar il-*public hearing* mentri l-Kunsill ghadu mhux informat ufficjalment dwar dan. Huwa semma li dan juri li l-Kunsill mhux qed jigi smat. Is-Sindku Paul Buttigieg semma li sallum il-Kunsill ghad m'ghandux kopja tat-*Traffic Impact Statement* u li l-Awtorita` nformat lil Kunsill li dan ir-rapport m'ghadux f'idejn l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar izda f'idejn it-*Transport Malta*. Giet trattata korrispondenza li saret bejn il-Kunsill u Jonathan Henwood fl-Awtorita` dwar dan datati 16 ta' Marzu 2010, 19 t'April 2010, 10 ta' Mejju 2010 u l-11 ta' Mejju 2010. Giet trattata diversi korrispondenza ohra li jikkonsistu f'ittra mibghuta mill-Kunsill datata 11 ta' Mejju 2010 lil Dr Chris Ciantar fil-Ministeru tar-Rizorsi u Affarijiet Rurali dwar l-ghotja ta' €10,000 lil Kunsill Lokali sabiex jitqabbdu konsulenti sabiex ihejju r-rapporti necessarji dwar l-*Environment Impact Statement*, ittra mibghuta minn Dr Ciantar bhala risposta ghall-ittra tal-Kunsill, ittra li l-Kunsill ircieva minghand il-Perit Mariello Spiteri *Environment Management Design Planning* fejn anness bghat ghaxar kopji digitali ta' *Environment Impact Statement Report*. Is-Sindku Paul Buttigieg talab lil Vici Sindku u l-Kunsillieri kollha, inkluz huwa, sabiex jaghmlu dikjarazzjoni dwar il-propost progett. Id-dikjarazzjonijiet kollha huma kif gej:

12.2 Is-Sindku Paul Buttigieg: Jien ma naqbilx ma kif inhu propost il-progett. Ma naqbilx ghal fatt tal-*Yacht Marina* peress li naqbel li din qatt m'ghandha jsir ghax b'hekk il-bajja ta' Hondoq ir-Rummien tigi rovinnatha ghal dejjem.

12.3 Il-Vici Sindku Dr Raymond Xerri: X'hin qrajt ir-rapport tal-progett propost jiena qbilt li ghandu jsir minhabba l-problemi li fiha l-barriera ezistenti u li b'dan il-progett ser titranga din il-barriera. In-*nature park* kif kien propost qabel impossibli li jsir illum.

12.4 Kunsillier Victor Grech: Il-bajja ta' Hondoq ir-Rummien hija gawhra li qatt m'ghandha tintilef u li b'dan il-progett kbir, Hondoq ser jitlef l-identita` tieghu.

12.5 Kunsillier Paul Buttigieg: Jien kontra l-progett. Hondoq ir-Rummien ghandu jitgawda minn kulhadd. B'dan il-progett il-poplu ser ikun imcahhad minn Hondoq. Ser igawdu minn ser ikollu x-xoghol. Jien totalment kontra l-progett kollu nkluz il-*Yacht Marina*.

12.6 Il-Kunsillier Paul Buttigieg staqsa lil Vici Sindku Dr Raymond Xerri jekk huwiex favur il-progett? Dr Raymond Xerri wiegeb li huwa favur.

12.7 Is-Sindku semma li ma jistax jifhem ghala xi xhur ilu meta tressqet mozzjoni dwar l-posizzjoni tal-Kunsill dwar dan il-propost progett, r-rizultat kien differenti minn dak tal-lum.

QALA

## 13 Materji ohra.

13.1 Is-Sindku semma li l-membri tal-Bord Editorjali tal-gazzetta tal-Kunsill, serje C harga numru 10 ser ikunu Mario Bugeja, ta' 'Pace' Flt 2, Triq l-Isqof Baldassare Cagliares, Qala, Joseph Mifsud ta' 'Abode of Bliss' Triq il-Wardija,Qala, Lorne Cremona ta' 69, Triq l-Imgarr, Qala u Euchar Mizzi 'Id-Dar taz-Ziju', Pjazza San Guzepp, Qala.

13.2 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill b'referenza QLC/MEPA/4/2010 lil Franco Pisani u Dimitri Duca fl-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, dwar l-operat tal-barrieri tal-blat tal-qawwi limiti l-Qala.

13.3 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Ruben Said *Asst Manager* Gozo ta' l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta' dwar talba ghal *double yellow lines* quddiem is-*sub-station* tad-dawl li tinsab fi Triq il-Wardija, Qala. Il-Kunsill ircieva ittra minghand Ruben Said fejn approva din it-talba.

13.4 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Giorgiana Mallia fl-Ufficcju tal-Prim Ministru bhala risposta ghall-*memo* 37/2010 tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, dwar Konferenza Internazzjonali dwar il-Gemellaggi.

13.5 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Deborah Pace fid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, bhala risposta ghal *memo* 50/2010.

13.6 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Antoine Zammit fid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, bhala risposta ghal *memo* 51/2010.

13.7 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskeda tal-hlasijiet bir-referenza SP 02/2010. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni sabiex jithallsu l-kontijiet mnizzlin f'din l-iskeda. Ghalhekk din l-iskeda giet approvata unanimament.

## 14 Korrispondenza.

14.1 Gew trattati ittri, notifika t'avviz u applikazzjonijiet li gejjien:

14.2 Ittra mibghuta minn James Catania Asst Direttur (*Field Services Unit)* u Violet Galea Rizorsi Umani fid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, dwar il-haddiema ta' l-IPSL f'Ghawdex.

14.3 Ittra mibghuta minn Deborah Pace *Assistant Principal* ghad-Direttur Generali (Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika) fejn semmiet li l-Bord ta' l-Evalwazzjoni qed jitlob lill-Kunsill sabiex jibghat l-ammont mitlub minnu dwar l-applikazzjoni ghal Fondi Specjali (bi bzonnijiet specjali). Il-Kunsill bghat ir-risposta ghal din l-ittra fejn talab €5,000.

14.4 Ittra mibghuta minn Cynthia Misokova *Policy Coordinator* fis-Secretarjat Parlamentari ghall-Konsumatur, Kompetizzjoni Gusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, dwar

ghajnuna ghat-thawwil ta' sigar. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Cynthia Misokova fejn giet informatha li l-Kunsill ma jistax jaccetta il-proposta peress li f'Marzu li ghadda l-Kunsill nghata madwar 400 sigra u bhalissa m'ghandux fejn ihawwel aktar sigar.

14.5 Ittra mibghuta minn Lorne Cremona ta' 69, Triq l-Imgarr, Qala, fejn informa lill-Kunsill illi l-ftehim ta' *website co-ordination* u *photographic services* li l-Kunsill ghandu mieghu ser jiskadi fil-31 ta' Marzu 2010 u li huwa qed joffri li dan il-ftehim jigi estiz sa tmien din il-legislatura tal-Kunsill bl-istess rati, termini u kundizzjonijiet ezistenti. Il-Kunsill qabel ma dan.

14.6 Ittra mibghuta minn Tanya Mercieca *Audit Manager* minn *National Audit Office* fejn anness ma din l-ittra ntbghat kopja ta' l-*audit report* u l-*financial statements* kif ukoll il-*management letter* ghas-sena finanzjarja li ghalqet fit-31 ta' Dicembru 2009.

14.7 Ittra mibghuta minn Margaret Falzon Asst Direttur Kuntratti Ghad-Direttur tad-Dipartiment ta' l-Artijiet datata 14 t'April 2010, dwar il-latrina ezistenti li hemm fi Triq il-Wardija. Il-Kunsill bghat ittra lil Margaret Falzon datata 29 t'April 2010, dwar din il-materja.

14.8 Ittra mibghuta minn Josette Camilleri mill-*Youth Section* dwar il-*Youth Local Councils* 2010.

14.9 Ittra mibghuta minn Kevin Sciberras Ko-ordinatur Kulturali fit-Taqsima tal-Kultura t'Ghawdex, dwar is-*stands* tal-Kunsilli Lokali Ghawdxin fin-Notte Gozitana 2010.

14.10 Notifika t'avviz mibghuta minn Jonathan Attard ghad-Direttur ta' l-Ippjanar ta' l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, b'referenza ECF 00232/10, fejn b'din l-istess notifika nforma lill-Kunsill li l-Awtorita` harget Avviz ta' Infurzar u kopja ta' din qed tigi annessa ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

14.11 Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp mibghuta minn Melanie Chetcuti Segretarja fl-Ufficcju tal-Kommunikazzjoni fl-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bin-numri 03399/09, 01306/10 u 01309/10. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni ghall-applikazzjonijiet fuq imsemmija.

Il-laqgha ntemmet fid-9:00 ta' fil-ghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar it-Tnejn 21 ta' Gunju 2010.

| | |
|---|---|
| Paul Buttigieg | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |